MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2008

Talba Numru. 805/2007

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Miriam Bezzina**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-31 ta` Ottubru, tas-sena 2007 fejn intalab li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma Lm163.13c, rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma` client contract number 1005232 in konnessjoni ma` servizzi lilha rezi ghax-xhur bejn Settembru, 2006 u Mejju, 2007.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 30 ta` Lulju, 2007 u ta` mandat ta` sekwestru pprezentat kontestwalment ma` dan l-att u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta illi hija ngunta in subizzjoni.

Ra illi l-konvenuta ghalkemm legalment notifikata baqghet ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Sema` bil-gurament lil PL Peter Paul Sammut illi kkonferma li l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici kienet ghadha dovuta sa l-gurnata ta` llum.

Innota illi l-konvenuta ghalkemm imsejha diversi drabi sabiex tipproduci x-xhieda taghha hija baqghet ma deheritx lanqas fis-seduta ta` llum stess.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lil konvenuta thallasha s-somma ta`€379.99c, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta` l-ittra ufficcjali tat-30 ta` Lulju, 2007 u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kif mitluba a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------